VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,723, 7 ta' Frar, 2017

Taqsima B

A.L. 53 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Lifelong Career Guidance and Development taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol u mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 6 (b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Lifelong Career Guidance and Development u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Lifelong Career Guidance and Development taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 457 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-oridnamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub mill-anqas b'Kategorija IIB f'qasam ta' studju meqjus bħala rilevanti mill-Bord tal-Istudji. F'każijiet eċċezzjonali, il-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu b'Kategorija III, sakemm li l-Bord ikun sodisfatt li dawn l-applikanti kisbu kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, wara l-grad ta' l-ewwel ċiklu tagħhom."